QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 22 TA’ FRAR 2002

Avviz Nru:- 343/96 DM

Michael Axisa u martu Mary Michelina Axisa

vs

Godwin Borg u martu Teresa Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm190.65 (mija u disghin lira maltija u hamsa u sittin centezmu) rappresentanti spejjez minnhom inkorsi ghall-tiswijiet fil-giebja tal-proprjeta taghhom “Lay Lay” Triq Pace u Grasso Fgura, liema tiswijiet kienu necessarji minhabba hsara fis-sistema tad-drenagg tal-proprjeta tal-konvenuti “Pearl White” Triq Dun Gorg Preca, Fgura, li b’konsegwenza taghha dahal drenagg fil-giebja u fil-pedamenti tal-istess proprjeta tal-atturi.

Bl-interssi legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-25 ta’ Mejju 1995, tal-10 t’Awissu 1995 u tal-25 ta’ Jannar 1996 u tal-ittri ufficjali tat-30 ta’ Mejju 1995, tal-24 t’ Awissu 1995 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:

1 Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda prova li t-tiswijiet inkorsi mill-atturi kienu b'konsegwenza ta' xi hsara fis-sistema tad-drenagg tal-proprjeta tal-eccipjenti, anzi huwa iktar probabbli li l-hsara kienet fis-sistema pubblika.

2 B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta ampjament illi l-ilma fil-bir tal-atturi kien qed jigi ikkontaminat u illi, sakemm giet irrimedjata il-perkolazzjoni inkwinanti, l-atturi sofrew diversi spejjes.

Mill-provi giet eliminata il-possibilita' li l-inkwinament seta kien provenjenti mis-sistema ta drenagg tal-atturi u ghalhekk, sabiex tirnexxi it-talba tal-atturi, huma obbligati li jippruvaw li l-perkolazzjoni kienet definitivament gejja mis-sistema ta drenagg tal-konvenuti Borg. Dan jimplika ukoll l-eliminazzjoni ta kull dubbju li xi ilma ta drenagg seta kien gej minn x'imkien iehor jew mid-drenagg pubbliku.

Il-provi diretti rilevanti prodotti mill-atturi, oltre id-deposizzjoni tal-attrici jikkonsistu fis-segwenti:-

Id-deposizzjoni tal-A.I.C. Joseph Borg li, inkarigat mill-konvenuti ghamel 'pressure test' fis-sistema tal-konvenuti u li, ghalkemm ikkonstata 'leak' zghira fil-wicc ta katusa, eskluda li din kienet il-provenjenza tal-inkwinament in kwistjoni minhabba l-perkolazzjoni minima u d-distanza bejn il-katusa u l-giebja in kwistjoni.

Id-deposizzjoni ta Leonise Zerafa, Health Inspector li kkonstatat illi fil-31 ta Jannar 1995 il-kulur jew “fluorescence’ introdott fis-sistema ta drenagg tal-konvenuti **minghjar ebda pressjoni** wasal fil-giebja ikkontaminata tal-atturi (Dok LZ3 a fol. 40) u li sabet sadd fl-istess sistema.

Aldo Magro u Mark Cutajar, Health Inspectors ukoll, li ghamlu l-istess tests u pprovdew l-istess rizultati wara li kkonstataw li s-sistema tal-konvenuti kienet qed tnixxi. Aldo Magro eskluda l-possibilita’ li l-kulur li wasal ghand l-atturi seta kien fdal ta test precedenti u dan minhabba il-koncentrazzjoni qawwija. Mark Cutajar inoltre allega li l-konvenuti ghamlu r-riparazzjonijiet suggeriti u b’hekk spicca l-ilment tal-atturi. L-istess inspector ikkonferma ukoll illi meta sar ‘pressure test’ fuq il-‘main sewer’ fit-18 ta Settembru 1995 ir-rizultat kien negattiv dwar infiltrazzjoni fil-giebja tal-atturi

Minn-naha l-ohra l-konvenut ipprova li fis-16 ta Novembru 1995 kien instadt il-‘Main Sewer’ pubbliku b’rizultat li dahal id-drenagg fir-residenza tieghu. Inoltre mid-deposizzjoni tieghu huwa jghamel diversi allegazzjoni li ‘tests’ ma kienux saru bi precisjoni u jallega li ghalkemm is-sistema ta drenagg tieghu hija f’livel iktar gholi mill-giebja ta Axisa l-inklinazzjoni tal-art hija f’direzzjoni opposta u bejn il-gnien tieghu u dak ta Axisa hemm il-bini fin-nofs.

Minn dawn il-provi jirrizulta li rrizultat posittiv ottenut fl-ewwel test maghmul minn Leonise Zerafa minghajr ma giet uzata l-pressjoni u r-rizultat negattiv tat-test fuq il-‘main sewer’ ma jhallu ebda dubbju li drenagg tal-konvenuti kien qieghed jipperkola ghand l-atturi, senjatament meta l-perit tal-konvenut stess jikkonferma tnixxija ghalkemm zghira.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut tistrih biss fuq kongetturi u ma mgiebet ebda prova teknika biex twarrab il-konkluzzjonijiet tat-testijiet.

Ghaldaqstant issib li l-konvenuti kienu risponsabbli ghall-ispiza ta LM190.65 (ikkonfermata mill-attur u li ma gietx ikkontestata) u konsegwentement tilqa t-talba attrici u tikkundanna l-konvenuti ghall-hlas

tas-somma ta' Lm190.65 (mija u disghin lira maltija u hamsa u sittin centezmu) rappresentanti spejjez minnhom inkorsi ghall-tiswijiet fil-giebja tal-proprjeta taghhom "Lay Lay" Triq Pace u Grasso Fgura, liema tiswijiet kienu necessarji minhabba hsara fis-sistema tad-drenagg tal-proprjeta tal-konvenuti "Pearl White" Triq Dun Gorg Preca, Fgura, li b'konsegwenza taghha dahal drenagg fil-giebja u fil-pedamenti tal-istess proprjeta tal-atturi.

Bl-imghax legali mill-24 ta April 1996 u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Magt Dr D Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg
civil 11